# BirdLife Malta fi Sqallija

## *Day Trips* fi Sqallija għall-membri ta’ BirdLife Malta u għall-BOV Sports & Social Club

Il-Grupp tal-Attivitajiet għall-Adulti (Adult Activities Group) fi ħdan BirdLife Malta dan l-aħħar organizza żewġ *day trips* lejn ir-Riserva Naturali ta’ Vendicari fi Sqallija – waħda għall-membri ta’ BirdLife Malta u l-ħbieb tagħhom li saret is-Sibt l-1 ta’ April u l-oħra għall-membri tal-Bank of Valletta Sports & Social Club li saret ġimgħa wara, il-Ħadd 9 ta’ April 2017.

Vendicari tinsab fil-parti ta’ isfel nett tal-kosta tal-Lvant ta’ Sqallija u l-inħawi joffru taħlita ta’ laguni, *sand dunes,* xtut iffurmati mill-blat u bajjiet bir-ramel. F’din iz-zona nsibu varjetà wiesgħa ta’ flora u fawna. L-ambjent iffurmat mill-ħamrija u d-duni tar-ramel flimkien mal-qrubija lejn il-baħar jipprovdi l-ħabitat ideali għal ċerti ħwawar bħas-sagħtar u l-klin flimkien ma’ arbuxelli bħall-ġniepru u d-deru.

Eluf ta’ għasafar tal-passa jqattgħu numru ta’ ġranet f’dawn l-inħawi fi triqithom lejn jew mill-Afrika. Fjamingi, rsieset, paletti, ċikonji, u mragen huma speċi li jiġu osservati regolarment tul l-istaġuni tar-rebbiegħa u l-ħarifa, waqt li fix-xitwa jiġu osservati speċi differenti ta’ papri u anke ċirlew.

L-attività prinċipali tal-ġurnata tul dawn il-mawriet kienet tikkonsisti fi *trek* ta’ 10km bil-parti l-kbira tar-rotta tieħu lill-parteċipanti tul il-kosta tar-riserva. Wara, dawk li attendew kellhom ikla tipika f’razzett u sabu wkoll il-ħin għal ftit xiri fil-belt ta’ Pozzallo. Kienet ġurnata mill-isbaħ għal dawk kollha li ħadu sehem f’dawn il-mawriet.

Iż-żewġ vjaġġi tmexxew minn Raymond Vella, *Ranger* ta’ Foresta 2000 u minn Michael Grima, membru veteran ta’ BirdLife Malta.

Dettalji aġġornati kontinwament dwar l-attivitajiet li torganizza BirdLife Malta jistgħu jinkisbu minn fuq is-sit elettroniku tagħna fl-indirizz: http://birdlifemalta.org/events. Membri ta’ BirdLife Malta jingħataw prijorità għal dawn l-attivitajiet. Dawk li jixtiequ jsiru membri jistgħu jagħmlu dan billi jżuru l-paġna http://birdlifemalta.org/become-member.

**TMIEM**

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma’ BirdLife Malta u tir magħna

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ritratti mehmużin:**

1. Membri ta' BirdLife Malta u l-ħbieb tagħhom f'Torre Vendicari (Ritratt ta' BirdLife Malta)
2. Membri tal-Grupp BOV f'Tonnara, Vendicari (Ritratt ta' BirdLife Malta)

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna